22005X0730(01)

30.7.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 200/91

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-protokoll addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, minn naħa l-oħra biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakja**

Il-protokoll addizzjonali għall-Ftehim Ewropew mar-Rumanija, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ta' għaxar Stati Membri ġodda ma' l-Unjoni Ewropea, li l-Kunsill u l-Kummissjoni ddeċidew li jikkonkludu fil-25 ta' April 2005 ([1]), għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 2005, in-notifiki relattivi għat-tlestija tal-proċeduri prevvisti mill-Artikolu 10 ta' l-imsemmi protokoll ġew finalizzati fl-14 ta' Lulju 2005.

---

([1]) ĠU L 155 tas-17 ta' Ġunju 2005, p. 26.